MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Numru 248/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**DAVID COLEIRO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DAVID COLEIRO,** ta’ seba’ u tletin (37) sena, bin il-mejjet Anthony u Cettina nee’ Desira, imwieled Luqa fis-7 ta’ Frar 1964 u residenti fl-indirizz ‘West Gate’, Ferretti Street, Birzebbuga jew 10, St George’s Street, Luqa u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 162364(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:

Bejn l-10 ta’ Ottubru 2001 u f’dati precedent f’Paola u bnadi ohra b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) bi hsara lil Claude Mangion.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ April 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (Dok CSH 2 a fol. 11), estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie immarkat bhala Dok CSH, u fedina penali ta’ l-imputat li giet immarkata bhala dokument CSH1.

Semghet lill-**Ispettur Edel Mary Camilleri** tixhed nhar is-17 ta’ Ottubru 2002 fejn spjegat illi nhar is-7 ta’ Marzu 2002 kien mar l-ufficcju taghha certu Claude Mangion li kien irraportalha li fid-9 ta’ Ottubru 2001 kien gie avvicinat minn David Coleiro l-imputat odjern u kien talbu sabiex isarraflu cekk datat 26 ta’ Ottubru 2001, liema cheque kien post dated. Dan ic-cheque kien ghall-ammont ta’ elf, mitejn u disghin Lira Maltin (Lm1,290) u intestat f’isem l-imputat u mahrug f’isem is-socjeta’ Stownley. Mangion qalilha li dan Zammit kien qallu li meta jsarfu seta’ jzomm is-somma ta’ disghin Lira Maltin (LM 90) ghalih. L-ghada fl-10 ta’ Ottubru 2001 l-imputat iltaqa’ mal-kwerelant il-bank fejn kien jahdem l-istess kwerelant u dan Mangion tah is-somma ta’ Lm1,200 f’cash mahrug mill-kont bankarju tieghu stess. Qallha wkoll li Zammit kien qallu li ma kellux isarraf ic-cekk bejn l-10 ta Ottubru 2001 u is-26 ta’ Ottubru 2001. Huwa beda jiccekja il-kont minn fejn hareg ic-cekk u sab li ma kellux flus fih. Ic-cekk ipprova jsarfu kemm-il darba izda dejjem gie ritornat lilu bil-kliem ‘*return to drawer*’.

Spjegalha li c-cekk kien gie iffirmat minn certu Andrew Maconough u meta kellem lil dan Maconough dan qallu li kien hargu ma’ hafna cheques li kien hareg hu bhala pagament ta’ numru ta’ mobile phones li kien xtara

minghand l-imputat. Maconough qallu ukoll li in segwitu kien hallas lill-imputat  b'cash u l-imputat qatt ma irritornalu ic-cekk in kwistjoni.  L-ispettur qalet ukoll li l-imputat irrilaxja stqarrija nhar it-12 ta' Marzu 2002 wara li nghata is-solita twissija liema stqarrija giet mmarkata bhala Dok EC.  Esebiet ukoll il-kwerela ta' Dr. Jason Azzopardi li giet mmarkata bhala Dok EC1.

**Claude Mangion** xehed nhar is-17 ta' Ottubru 2002 u stqarr li fid-9 ta' Ottubru 2001 wara li laghab loghba futboll kien qieghed hdejn il-club ta' Hal Tarxien u mar fuqu l-imputat, li gharaf prezenti fl-awla, u f'idejh kellu cekk li kien post dated ghal 26 ta' Ottubru 2001 ghall-ammont ta' Lm1,290. Qal li kien mar ghandu ghaliex kien jafu peress li kienu jilghabu football flimkien u kien jaf li huwa kien jahdem il-bank u dak il-hin qallu li kellu cekk li kien *post dated* u talbu jekk setax isarrafulu qabel. Dan spjegalu li tramite il-bank dan ma kienx possibli ghalkemm jahdem hemm. Pero' qallu ghaliex kien jafu li kien lest li jaghtih is-somma minn flusu u wara jsarraf ic-cekk fi zmienu u jzomm il-flus ghalih.  Hekk ghamlu - l-ghada mar l-imputat il-bank u huwa tah is-somma ta' Lm1,200 kif jidher mill-istatement tal-kont tieghu li gie mmarkat bhala Dok DM1. Huwa esebixxa ukoll ic-cekk in kwistjoni (fol. 24) li gie mmarkat Dok DM.  Tenna li in segwitu l-imputat kien mar fuqu ftit qabel id-data u qallu sabiex ma jsarrafx ic-cekk ghaliex kien ser itih il-flus hu.  Nonostante dan, meta waslet il-gurnata mar isarraf ic-cheque u dan ma ssarafx u gie ritornat bil-kliem 'refer to drawer'.  Qal li kien kellem lill-imputat ukoll u qallu li kien ser iqabbad avukat izda l-imputat ma nkwieta xejn. Qal li kien ftiehem mieghu li kien ser imur mieghu ghand l-avukat tieghu izda ma marx meta kienu ftiehmu u sa illum ghadu ma thallasx.

Nhar is-17 ta' Ottubru 2002 xehdet WPS 02 Mary Mizzi u kkonfermat li qabel ma l-imputat irrilaxja stqarrija huwa inghata s-solita twissija u gharfet fuq l-istqarija esebita u markata fl-atti bhala dok EC il-firma taghha u dik ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri waqt li spjegat li l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

Rat in-nota esebita f-atti a fol. 47 nhar l-10 ta' Dicembru 2004 li permezz taghha infurma l-Qorti li l-imputat kien ghad fadallu ihalsu biss is-somma ta' LM200.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2012.

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti nhar il-15 ta' Marzu 2012 u cioe dak li irrilevat id-difiza fejn talbet l-isfilz tal-istqarrija li giet rilaxxjata mill-imputat u dan in linea ta' diversi sentenzi li nghataw ricentement u l-oggezzjoni tal-prosekuzzjoni bazata fuq il-fatt li din l-istqarrija giet rilaxxjata fi zmien meta il-ligi ma kienitx tirrikjedi li imputat ikun patrocinat minn avukat waqt li qed jigi invesigat u ghamlet referenza ghad-digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **<u>Republika ta' Malta vs Sergii Nykytiuk</u>** moghti nhar it-2 ta' Settembru 2011.

Rat dak ukoll li gie degretat mill-Qorti dak in-nhar stess u cioe li hija kienet ser tipprovdi dwar din it-talba tad-difiza fis-sentenza taghha finali.

Ikkunsidrat.

Ghalhekk il-Qorti ezaminat dak li qal id-digriet citat mill-prosekuzzjoni u sejra tirraporta testwalment dak li gie deciz minnha:

" *Peress illi illum is-sitwazzjoni hi definite bid-diversi gudikati in materja senjatament '**<u>Il-Pulizija vs Alvin Privitera'</u>** Qorti Kostituzzjonali 11.04.11. Din il-Qorti issib li l-linja gwida ghandha kun li l-istatment jibqa fil-process bhala parti mill-provi u spetta lil minn irid jiggudika l-fatti jara jekk bhala fat l-akkuzat kien jew ma kienx assistit minn avukat fil-bidu nett tal-arrest tieghu, Jekk ma kienx allura dan jkollu konsegwenzi negattivi fuq l-istatment u minn ghandu dritt jiggudika fuq il-fatti jigi indirizzat f'dan is-sens. Pero l-istatement m'ghandhux 'a priori' jigi sfilzat mill-process ghax b'hekk ikun qed jigi usurpat dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiggudika l-fatti.*

*Dan stabbilit, din il-Qorti ma tarax il-htiega ta' aktar referenzi konstituzzjonali u ghalhekk tiddikjara t-talba frivola u vessatorja."*

Jinghad pero' li dan id-digriet inghata fit-2 ta' Settembru 2011 kif stqarret l-istess prosekuzzjoni pero' minn dak in-nhar 'l hawn is-sitwazzjoni ma baqghetx l-istess kif deciz f'dan id-digriet.

Fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Republika ta' Malta** (Rik Numru 7/2010 GC). F'din is-sentenza il-Qorti pprovdiet is-segwenti:-

*"............F'dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghall-provedimenti tal-artikolu*
*46(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li din il-Qorti "tista taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq jew tassigura i-ttwettiq tad-drittijiet fundamentali specifikati fl-istess Kostituzzjoni. Kwindi jekk din il-Qorti jidhrilha li biex jitwettqu, b'mod effikaci, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija dan jista jsir*
*skond l-imsemmija provedimenti. Skond l-istess provedimenti hu l-obbligu tal-Qorti li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jkunu intizi biex jassiguraw li d-drittijiet tar-rikorrenti jigu tutelati u mwettqa. Kwindi fil-kawza odjerna ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u dan peress li l-istess stqarrija ttiehdet in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti in partikolari kif sanciti bil-provedimenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*......................................*

*Ghal dawn il-motivi:-*

*Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, kif sanciti in partikolari fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, gew lezi u tordna l-isfilz tal-*

*istqarrija tar-rikorrent mill-process kriminali kontra tieghu u dan sabiex jigi assigurat it-twettiq tad-drittijiet fondamentali kif sanciti bl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 319*.”

Din il-Qorti pero taghmel referenza ghal zewg sentenzi ohra li nghataw aktar recenti u cioe dik moghtija nhar l-10 a’ Jannar 2012 fl-ismijiet **Republika ta’ Malta vs Martin Dimech** u dik moghtija nhar is-16 ta’ Jannar 2012 fl-ismijiet **Ir-Republika ta’ Malta vs Alfred Camilleri** moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali.

F’dawn iz-zewg sentenzi dik il-Qorti ghalhekk diversament preseduti it-tnejn irritenew li in principju li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta’ avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.

Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m’ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat.

Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Dik il-Qorti ddecidiet li *“ il-Qorti twiegeb ghar-referenza mghoddija lilha mill-Qorti Kriminali kif gej cioe’ taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara illi gie lez id-dritt tar-rikorrenti kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) b’rabta mal-artikolu 6(1) Konvenzjoni Ewropeja kwantu ma kellux l-assistenza legali waqt l-istqarrija li ghamel lil Pulizija fil-fazi qabel gie akkuzat u ma hemm ebda lezjoni taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Konformement ma’ dak hawn deciz tordna li l-proceduri*

*kontra r-rikorrenti jitkomplew u thalli f'idejn il-Qorti Kriminali adita mill-kaz biex tevalwa din ic-cirkostanza hi u tizen il-provi mressqa quddiemha dwar l-akkuzi mressqin fil-konfront tieghu tenut in konsiderazzjoni dak li gie mqieghed bhala prova, deliberat u gie deciz f'din is-sentenza."*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost u tad-decisjonijiet moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali li rritenew li id-dritt tal-imputat gie lez meta ma kellux assistenza legali fil-mument li huwa rrilaxja l-istqarrija tieghu u ghalhekk stante li gie miksur id-dritt tieghu ta' fair trial bi tehid ta' l-istatement din il-Qorti tilqa' t-talba tad-difiza u tordna l-isfilz tal-istqarrija u dan ghaliex kwalsiasi haga li seta' qal tista' tintuza fil-konfront tieghu u dan hu proprju dak li l-Qrati Kostituzzjonali sostnew li ghandu jigi protett ix-xhieda tal-volta inkriminanti li seta' qal l-imputat fil-mument tal-interogazzjoni. Din il-Qorti tmur oltre u tiddecidi li anke dak kollu li l-imputat qal lill-ufficcjal inestigattiv meta ma kienx assistit u rapportat fix-xhieda taghha m'ghandu jinghata valur u ghalhekk jigi skartat. Naturalment din il-Qorti mhix ser tordna l-isfilz tax-xhieda taghha ghaliex hija xehdet fuq dak li irrizultalha mill-investigazzjoni preliminari taghha pero' tiddikjara li dak li rraportat fil-konfront ta' dak li seta qallha l-imputat mhux ammissibli ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dak li setghet irraporta li qallha Andrew Maconough ukoll ghandu jigi skartat ghaliex jikkostitwixxi hear say evidence peress li ma giex prodott sabiex jikkonferma dak li qalet hi dwaru.

Ghalhekk jispetta lil din il-Qorti titratta l-mertu tal-kaz. Kif tajjeb gie osservat id-difiza ix-xhud Andrew Maconough il-persuna li rrilaxja ic-cekk esebit fl-atti a fol. 24 ma giex prodott sabiex jixhed f'dawn il-proceduri minkejja li l-kawza odjerna hija mibnija fuq l-hrug ta' dan l-istess cekk. Ghalhekk dak kollu li tali xhud seta qal lill-ufficjal investigattiv ma jikkostitwix prova izda hear say evidence u ghalhekk ghandu jigi skartat.

F'din il-kawza l-Qorti hija rinfaccjata b'akkuza li l-prosekuzzjoni trid tipprova fil-konfront ta' l-imputat u cioe' li huwa iddefroda is-somma ta' LM1,200 lil Claude

Mangion. Ghalhekk kollox idur fuq dak li qal dan ix-xhud stante li l-imputat ma xehedx sabiex jikkontradici dak li sostna l-kwerelant.
In sintezi l-kwerelant jghid li huwa nghata post dated cekk minghand l-imputat u gie mitlub sabiex isarrafulu qabel iz-zmien. Huwa ittenta jaghmel hekk izda ghal zmien twil dan ic-cekk esebita minnu bhala dok DM misjub fl-atti a fol. 24 izda dan ma ssarrafx. Qal li huwa avvicina lill-imputat u qallu li c-cekk li kien tah ma ssarrafx u dan dejjem wieghdu li kien ser ihalsu.

Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha moghtija nhar it-8 ta' Awwissu 1979 fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Bonello** fejn gie ritenut li:

*"Huwa llum pacifiku tant fid-duttrina kemm ukoll fil-gurisprudenza patria illi dan ir-reat a tenur ta' l-artikolu 322 (illlum 308) jirrikjedi mhux biss dikjarazzjoni falza jew gidba izda illi din tkun akkompanjata minn ingann, raggir simulazzjoni ossia dak l-apparat estern maghruf bhala mise en scene li jaghti vero similjanza ghall-gidba jew asserzjoni falza prospettata bhala vera."*

Il-Qorti ghalekk hija rinfaccjata biss bix-xhieda tal-kwerelant li qal li c-cekk li inghata mill-imptuat ma ssarrafx u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u ix-xhieda tal-Ispettur Edel Mary Camilleri li xehdet fuq dak li rrizultalha. Naturalment dwar l-agir tal-imputat fil-konfront tal-kwerelant din il-Qorti ser tistrieh limitatament fuq dak li qal l-kwerelant stess.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby** deciza nhar it-12 ta' Frar 1999 inghad li "*.... mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghar-reat ta' truffa (artikolu 308, Kap 9) jew ghar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak ta' truffa, ta' lukru frawdolent innominat (Art. 309); u dan hu hekk anke jekk kemm il-darba jirrizulta li meta inhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma kienx hemm flus fil-kont relattiv*".

Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 1922 fl-ismijiet **<u>la Sua Maesta il Re v Antonio Demicoli</u>** li "*mhux kull forma ta' lokupletazzjoni ossia arrikament maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-ruffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*." (vide **<u>Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul</u>** APP. Kriminali 20 ta' Gunju 1997 ara ukoll **<u>il-Pulizija vs Daniel Frendo</u>** App Kriminali 25 ta' Marzu 1994.)

Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vitma, proprju ghax tkun ingannata volontarjament taghti xi haga lill-agent. (**<u>Il-pulizija vs Carmel Cassar Parnis</u>** Appell Kriminali deciz nhar it-12 ta Dicemrbu 1959). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi' dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa, jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata jew lukru frawdolenti innominat (ara fost ohrajn **<u>il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis</u>** Appell Kriminali 31 ta' Ottubru 1959, **<u>il-Pulizija vs Francesca Caruana</u>** Appell Kriminali 25 a' Lulju 1953 u **<u>il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer</u>** deciza fit-3 ta' Marzu 1956).

Naturalment il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun proprju l-mezz ta' ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadann ghall-agent (**<u>il-Pulizija vs Francis sive Franco Farrugia</u>** Appell Kriminali 7 ta Frar 1985).

Fil-kaz in desamina u jekk wiehed kellu jiehu a bocca baciata l-versjoni moghtija minn Claude Mangion meta huwa accetta c-cheque minghand l-imputat, l-imputat qatt ma qallu li huwa haseb li c-cheque ma kienx ser jigi onorat kien qallu li kien post dated biss. Issa mill-provi prodotti lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien jaf li ma kienx hemm flus f'dan il-kont minn fejn inhareg ic-cheque

ghaliex min hareg ic-cheque ma xehedx f’dawn il-proceduri. Anzi su due piedi jirrizulta li l-imputat kien lest li jaghti profit lill-kwerelant ghaliex qallu li meta c-cheque jissarraf seta izomm LM90 ghalih u kien dan li nduca lill-kwerelant sabiex izomm dan ic-cheque u jsarfu. Mil-provi prodotti ma jirrizultax li l-imptuat agixxa b’mod frawdolenti jew ta’ ingann fil-konfront tal-kwerelant. Il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-mens reat tal-imputat u cioe’ il-mentis kriminis li kellu li jinduci lill-kwerelant sabiex isarraflu cheque meta flus fil-kont ma kienx hemm.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l-artikoli 308, 309 u 310  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddeciedi li tiddikjara li ssib mhux hati tal-akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------